MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 407/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Miguel De Giorgio**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Miguel De Giorgio, karta ta’ l-identita` numru 18859(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, bejn ix-xhur ta’ Ġunju 2013 sa Frar 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jagħti lil martu Diana De Giorgio u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Miguel De Giorgio hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' xahar (1) priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' l-istess Miguel De Giorgio ppreżentat fl-20 ta' Ottubru 2014 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena, jew tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabitu ħati u tirrevokaha fejn ikkundannatu piena ta' priġunerija ta' xahar u minflok tagħtig piena inferjuri, aktar ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi l-ewwel Qorti kienet, bl-akbar rispett, skorretta legalment meta sabet lill-esponent hati tal-akkuzi hekk kif migjuba kontra tieghu u dan ghaliex huwa evidenti illi parti l-kbira mill-imputazzjoni kif dedotta fic-citazzjoni ma kinitx tirrizulta.
>
> "Illi tabilhaqq l-ordni biex l-akkuzat jibda jhallas 700 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg uliedu inghata fit-2 ta' Dicembru, 2013, u kien gie rez applikabbli b'mod retroattiv ghal Gunju, 2013 b'ordni tal-istess Qorti tal-Familja. Illi huwa principju ormai stabbilit fil-kamp penali illi *lex non habet oculus retro* - u alura l-akkuzat qatt ma seta jigi processat, wisq inqas misjub hati, ta' xi haga li ma kienx reat fi zmien in kwistjoni - u cioe` minn Gunju sa Dicembru, 2013. Il-Qorti tal-Magistrati injorat ghal kollox dan il-punt ta' dritt u xorta sabet htija ghall-perjodu kollu. Filwaqt li huwa minnu illi l-pagament dovut ghall-perjodu bejn Gunju u Dicembru huma dejn civili, pero` huwa daqstant minnu illi galadarba l-ordni ghall-hlas gie dekretat f'Dicembru, 2013, l-esponent qatt ma seta' jigi misjub hati illi naqas milli josserva tali digriet fis-sitt xhur li pprecedewh!
>
> "Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena nflitta kienet wahda manifestament eccessiva u dan ghas-segwenti ragunijiet.
>
> "Fl-ewwel lok il-Qorti tal-Magistrati, donnha injorat ghal kollox illi l-akkuzat ma kienx qed jagixxi kappriciozament, tant illi rrizulta illi huwa kien ilu jivversa manteniment volontarjament u dan minghajr ebda ordni tal-Qorti ghaz-zmien

kollu ta' bejn is-separazzjoni *de facto* u Dicembru 2013 meta fil-fatt inghata d-digriet in kwistjoni. Beda b'sitt mitt Euro u rriduca l-ammont ghal hames mitt Ewro fix-xahar ghaz-zewg uliedu. Dan zgur mhuwiex agir ta' xi hadd irresponsabbli jew li qed jipprova jippika ma' martu jew jahrab mir-responsabilitajiet.

"Fit-tieni lok u aktar importanti mis-suespost, l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-fatt jew ahjar is-sottomissjoni illi fi kwalunkwe kaz qed jottempra ruhu bi shih mad-digriet tal-manteniment u mhux li kien qed jinjorah kompletament u dan ghaliex kif jirrizulta huwa dejjem hallas l-ammont ta' €500 minflok dak ta' €700 mensilment u ghalhekk zgur li dan kien fatt li kien jimmerita applikazzjoni ta' piena aktar miti u zgur mhux wahda qrib il-massimu permissibbli. Dan imbaghad ghandu jigi abbinat mal-fatt illi din kienet l-ewwel darba li l-esponent kien qed jigi misjub hati ta' tali kontravenzjoni, fatt iehor dan li gie injorat ghal kollox mill-ewwel Qorti."

**6.** Kwantu għall-ewwel aggravju, jirriżulta illi b'digriet tat-2 ta' Diċembru 2013 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet ordnat, *inter alia*, li l-appellant iħallas lil martu manteniment ta' €700 fix-xahar għaż-żewġ uliedhom, u dan b'effett mill-25 ta' Ġunju 2013. Dan ifisser illi l-iskadenzi kellhom jaqgħu fil-25 ta' kull xahar.

**7.** Issa, ir-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 huwa wieħed istantaneju u mhux permanenti u jiġi kommess appena jiskadu ħmistax-il jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun seħħ. Il-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali fil-fatt jiddisponi hekk:

**"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min**

**"...**

**"(z) meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma".**

**8.** Fejn hemm numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantaneja dawn jistgħu – anke a benefiċċju ta' l-imputat – jinġabru flimkien mill-prosekuzzjoni bħala reat kontinwat. Fil-każ in eżami, għall-perijodu li jantiċedi d-digriet tat-2 ta' Diċembru 2013, ma seta' ġie kommess l-ebda reat dwar l-iskadenzi tal-25 tax-xhur minn Ġunju sa Novembru ġaladarba ma kienx hemm diġa` digriet *in vigore*. Kif tajjeb josserva l-appellant, *lex non habet oculos retro*. Mill-banda l-oħra, jekk jirriżulta li ma sarux pagamenti għall-iskadenzi tal-25 ta' Diċembru 2013, 25 ta' Jannar 2014 u 25 ta' Frar 2014, allura xorta wieħed jista' jitkellem dwar reat kontinwat iżda għal dawn it-tliet xhur biss.

**9.** Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2015 ġie verbaliżżat li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu li tul il-perijodu kollu l-appellant kien qiegħed iħallas volontarjament €500 fix-xahar. Dan ifisser li għax-xhur ta' Diċembru 2013, Jannar 2014 u Frar 2014 baqagħlu jħallas bilanċ ta' €600. Dwar ix-xhur minn Ġunju 2013 sa Novembru 2013 din il-Qorti mhijiex se tieħu konjizzjoni tagħhom f'din is-sede peress illi, kif diġa` ngħad, ma ġie kommess l-ebda reat fir-rigward tagħhom.

**10.** Fiċ-ċirkostanzi, u wara li qieset is-sottomissjonijiet kollha li saru, din il-Qorti hi tal-fehma illi għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' xahar (1) priġunerija, u minflok issibu ħati talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn ix-xhur ta' Diċembru 2013 sa Frar 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti naqas li jagħti lil martu Diana De Giorgio għal uliedhom is-somma ffissata minn dik il-Qorti bħala manteniment għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni, ikollha titħallas dik is-somma, u, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sena millum. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 24 ta' l-istess Kap. 446 tordna li l-appellant iħallas lil Diana De Giorgio s-somma ta' €600 rappreżentanti l-bilanċ ta' manteniment dovut għax-xhur ta' Diċembru 2013, Jannar 2014 u Frar 2014, u dan fi żmien xahar millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------